## ĠIRJA . . .

*Ta'* C. Cassar

Il-jum filgħaxija
  Hajtu sa tnin
F'sodda ta' rtuba
  Fost deh'b zekkin.
Firxtu sħab kenni
  Imżewwqa lwien
Ferħ ta' qlub safja
  Serħ kullimkien.
Dwaru sax-xefaq
  Bejn sema u art
Bħal ġnien ta' Mejju
  B'tiżjin ta' ward.
Ix-xemx bla saħħa
  Tilħaq ix-xfar
Nieżla qajl qajla
  Bħal kobba nar
Qabel ma tagħti
  L-aħħar tislija
Tifrex fis-sema
  Ġmiel, sebħ u dija.
O kemm nixtieqni
  Hemm fuq intir
Nitla' fuq sħaba
  Taħt sema nir
Imżewqa lwien
  Nilmaħ fil-bogħod
Dija titmewwet
  Bil-mod il-mod.
Tal-lejl id-dalma
  Titfi l-ilwien.
Jifrex star iswed
  Ma' kullimkien.
Fl-għoli fuq rasi
  Il-kwiekeb sbieħ,
Is-sema jżejnu
  W jteptptu fih.
Taħti fid-dinja
  Tal-lejl fis-skiet
Donnhom jinħassu
  Il-ħsibijiet......
Lir-ruħ iġegħlu
  Titla' kull ħin
Biex id-dawl tikseb
  Tal-qlub tajbin.

## POSTIJIET F'MALTA LI JFAKKRUNA FIL-MIĠJA TA' SAN PAWL

Fost il-postijiet f'Malta li jfakkruna fil-Miġja ta' San Pawl insemmu **SAN PAWL IL-BAHAR**, **GHAJN RAŻUL**, **SAN PAWL MILQI**, **SAN PAWL TAT-TARĠA**, **IL-KNISJA TA-MELLIEHA**, **IL-KNISJA KATIDRAL** u **l-GROTTA TA' SAN PAWL**.

**SAN PAWL IL-BAHAR** ifakkarna f'dik id-daħla ta' baħar ta' bejn il-Gżejjer fejn il-bastiment li fuqu kien San Pawl tkisser mal-blat ta' bejn dawk il-gżejjer; **GHAJN RAŻUL**, jiġifieri **l-GHAJN TA' L-APPOSTLU**, għax ix-xniegħa tradizzjonali hi li hemmhekk San Pawl ħareġ mill-blata samma ta' dak il-post nixxiegħa ta' l-ilma biex jisqi lil dawk in-nies tal-bastiment li miegħu kienu ħelsu mill-għarqa; **SAN PAWL MILQI** hu l-post fejn il-lum hemm daqsxejn ta' knisja illi tfakkarna fid-Dar ta' San Publju fejn dana laqa' lil San Pawl u lil sħabu; **SAN PAWL TAT-TARĠA** fejn il-lum hemm knisja li tfakkarna f'San Pawl meta kien jipprietka hemm u li kif jingħad kien jinstama' sa minn Għawdex; il-**KNISJA TAL-MELLIEHA** kif jingħad tħaffret fi żmien il-miġja ta' San Pawl fejn għad hemm tidher ix-xbieha tal-Madonna pinġuta minn San Luqa li kien hawn Malta ma' San Pawl; il-**KNISJA TA' L-IMDINA** tfakkarna fil-palazz ta' San Publju, id-dar li kellu l-belt ta' l-Imdina, barra dik ta' San Pawl il-Baħar; il-**GROTTA TA' SAN PAWL**, li tfkkarna fil-post fejn kif jingħad kien igħammar San Pawl fit-tliet xhur tal-qagħda tiegħu f'Malta.



# FIS-SIKTA TA' WIED MAGHLAQ

*Ta'* Anton Agius

IL-BARUNI kellu dar kbira mibnija ftit 'il barra mir-raħal. Fir-raħal tgħaddi b'palazz, kienet taqdih tajjeb għall-jiem tas-sajf.

Huwa waqaf fil-loġġa jserraħ lilu nnifsu fuq idejh it-tnejn poġġuti fuq il-ħoġor taċ-ċint tal-loġġa. Imħasseb, semma' ħsibijietu lill-beraħ mifrux taħt ħarstu. Waqt li ta daqqa mal-ħoġor taċ-ċint biex juri l-qawwa ta' fehmtu, gerger: "Dak l-imbierek ta' tifel jeħtieġ li nara kif ser infiehmu. Jeħtieġli. Għax m'għandux jifhem li din mhix dinja fejn wieħed joqgħod jaħseb fuq dak li huwa tajjeb, dritt jew sewwa? Kif m'għandux jitgħallem darba għal dejjem li għandu jifhem x'inhi l-ħajja? Jekk ser ikompli fit-triq li qabad, jaħbat ħażin".

Il-Baruni ma kienx jaf kif jaqbad ja sibha fuq ibnu. Daqqa beda jiġih ħsieb f'rasu li ibnu ma kellux moħħu f'loku, u daqqiet għaddielu minn moħħu li jħalli kollox għaddej kif kien bit-tama li dak li lemaħ f'ibnu kien kollox ta' mument.

Bin il-Baruni kien magħmul daqsxejn fit-tul bħal min-naħa t'ommu, għajnejh jolqtuk b'ħarsithom, ġbinu wâsa', wiċċu jixhed serjetà akbar mis-snin li jgħodd, xufftejh sbieħ, iżda jidhr ukemm-xejn magħfusin ma' xulxin bħallikieku għassa tajba għall-kliem li jlissen, dirgħajh tajba u spallejh felħana. Kellu dehra li tolqtok u tiġbdek.

Pawlu, bin il-Baruni, ma kienx moħħu li jidher fost nisel il-kbarat. Huwa kien aktarx jaħrabhom u mġiebtu daqqiet tixhed li jiddejjaq b'xi frugħat ta' għemilhom. Moħħu u qalbu kienu fit-tagħlim: jaqra, jaħseb, u jagħmel mill-aħjar biex jifhem il-kotba li sabhom għajn ta' tagħlim.

L-aktar li laqtitu meta tgħallem li hemm min ma jifhimx fil-ħajja bħalu: meta sab min ifiehmu li mhux bilfors kellu jkun wieħed milli jmexxi d-destin tal-gvern ta' pajjiżu, u li bniedem ieħor, kien min kien, sata' jsamma' leħnu daqskemm sata' huwa li kien bin il-għonja. Mhux għax sata' jilqa' dat-tagħlim kif ġieb u laħaq, iżda meta rama jagħmilha bi drawwa li joħroġ idur u jieqaf jitħaddet ma' xi bidwi jaħdem fir-raba', beda jifhem aħjar il-ħajja. Meta jarawh jieqaf ħdejhom, erħilhom isellmulu, jieħdu pjaċir bih, jistaqsuh fejn sejjer, u waqt li jiltwew 'il fuq iserrħu daharhom, b'leħen jaħbi l-għira għalih igħidulu li x-xogħol tar-